MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 476/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Charlotte Bonnici**
**[ID. Nru. 216187M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-14 ta' Awwissu, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' tlett mija u hmistax-il euro u sitta u disghin ċenteżmi ta' euro [€315.96c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett mija u hmistax-il Euro sitta u disghin ċenteżmu (€315.96) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni numru 79558962 numru tal-kont A/C40177955, moghtija mis-socjeta attriċi u dan

skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati A, B u C u kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta ġiet interpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inklużi u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti d-data preċiża ta’ meta l-intimata ġiet notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna ma tezistiex l-ghaliex ma tirriżultax mill-pink card, però jirrizulta li l-avviz tas-smiegh u t-talba effettivament waslu ghand l-intimata u dan skond ma tixhed il-firma li hemm ta’ R. Bonnici fuq l-istess dokument u ghalhekk it-Tribunal sejjer jikkunsidra d-data li ġiet ritornata l-pink card il-Qorti u cioe fit-30 ta’ Awwissu, 2013 bhala d-data tan-notifika taghha, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ tlett mija u hmistax-il euro u sitta u disghin ċenteżmi ta’ euro [€315.96c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------